**Att Dwar il-Kunsilli Lokali**

**(Kap 363)**

**Bye-Laws Dwar l-Iskall tal-Imsida**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8), u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali L-Imsida għamel dawn il-Bye-Laws li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn il-Bye-Laws huma Bye-Laws tal-2011 dwar l- Iskall u d-Daħla tal-Imsida (Kunsill Lokali L-Imsida).

1.1 Dawn il-Bye-laws jidħlu fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tagħhom fil-gazzetta tal-Gvern;

2 F'dawn il-Bye-Laws, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra:-

"applikant" tfisser persuna li tapplika għal permess skond dawn il-Bye-Laws

"applikazzjoni" tfisser kull applikazzjoni magħmula minn applikant għal awtorizzazzjoni taħt dawn ir-regolamenti

"arei msemmija" tfisser dawk l-arei msemmija mill-Kunsill kif muri fl-area mpinġija fil-pjanta li hemm fi Skeda A li tinsab ma' dawn il-Bye-Laws;

"area provduta" tfisser il-qies f'metri kwadri meħtieġa biex toqgħod id-dgħajsa u jsir ix-xogħol permess fuqa.

"l-Att" tfisser l-Att dwar il-Gvern Lokali;

"Dgħajjes" tfisser kull bastiment reġistrat għas-sajd, skont ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-bastimenti tas-sajd;

Draft

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali tal-Imsida;

"irmiġġ" ifisser il-permess maħruġ mill-Awtorita` statutorja responsabbli mill-użu tal-irmiġġ fl-Imsida għad-dgħajsa reġistrata fuqu;

"lokalità'" tfisser il-lokalità tal-Imsida;

"vettura bil-mutur" tfisser kull vettura maħsuba biex tinstaq fuq l-art u mħaddma b'mod mekkaniku;

"l-Iskall u d-daħla tal-Imsida" tfisser l-area mpinġija kif tidher fil-pjanta fi Skeda B li tinsab ma' dawn il-Bye-Laws;

"permess" ifisser il-permess maħruġ mill-Kunsill, skont dawn il-*Bye-Laws*; kif jidher skont Skeda Ċ li tinstab ma' dawn il-*Bye-Laws;*

Draft

3. Ebda persuna ma tista' tqiegħed jew tħalli xi dgħajsa jew xi bastiment tas-sajd, inkluż xi karru vojt li jintuża biex tinġarr dik id-dgħajsa jew bastiment jew xi oġġett ieħor relatat, f'xi parti ta' l-iskall u d-daħla tal-Imsida ħlief kif provdut f' dawn il-Bye-Laws.

4.1. Ebda persuna ma tista' tidħol fl-iskall u d-daħla tal-Imsida b'xi vettura bil-mutur ħlief biss biex iġġorr minn u għall-arei msemmija xi dgħajjes u,jew bastiment tas-sajd awtorizzat mill-Kunsill sabiex dan jitqiegħed f'dak il-post skont dawn il-Bye-Laws, jew għal raġuni biss sabiex tiġi varata u mtella' mill-baħar xi dgħajsa jew bastiment tas-sajd li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fid-daħla tal-Imsida.

4.2 Ebda persuna ma tista' f'ebda ħin tipparkja u, jew tħalli xi vettura bil-mutur f'xi parti mill-iskall u d-daħla tal-Imsida mingħajr permess.

5.1 Il-Kunsill għandu, bla ħsara għal dawk il-kundizzjonijiet skont ma jħoss li jkunu xierqa, iħalli li jsir it-tqiegħed ta' bastimenti tas-sajd ta' daqs li ma jkunx aktar minn *tnax-il metru* u li jkollhom permess maħruġ mill-Awtorita` kkonċernata għall-irmiġġ tagħhom reġistrat fid-daħla tal-Imsida;

5.2 Sabiex il-Kunsill joħroġ il-permess lis-sid, is-sid għandu jippreżenta applikazzjoni għal permess skont Skeda Ċ li tinstab ma' dawn il-*Bye-Laws*.

5.3 Flimkien mal-applikazzjoni msemmija f'Regolament 5.2, is-sid għandu jippreżenta permess tal-irmiġġ fl-Imsida maħruġ mill-awtorita' statutorja responsabbli skont il-liġi, kif ukoll kopja tal-*logbook* tad-dgħajsa reġistrata fuq dak l-irmiġġ;

5.4 Is-sid għandu jtella' d-dgħajsa tiegħu fl-area msemmija kif muri fi Skeda A li tinsab ma' dawn il-Bye-Laws, skont l-ispazju provdut fi kwadrat kif indikat mill-Kunsill, bi preferenza lill-bastimenti tas-sajd tradizzjonali magħmula mill-injam (luzzu, firilla, kajjik) u li jkunu miżbugħa b'kuluri tradizzjonali;

5.5. Il-Kunsill mhux ser joħroġ permessi lis-sidien ta' dgħajjes li huma reġistrati u użati għal skopijiet kummerċjali;

5.6 Is-sid tad-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd li jikkwalifika biex iqiegħed id-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd tiegħu fl-area msemmija skont il-*Bye-law* għandu l-ewwel japplika għand il-Kunsill u l-Kunsill għandu, f'każ li dik l-applikazzjoni tiġi approvata, jiddeċiedi l-post eżatt fl-area msemmija fejn ikun ser titqiegħed dik id-dgħajsa u,jew bastiment tas-sajd u jistabilixxu l-pattijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu japplikaw għal dik l-awtorizzazzjoni;

5.7 Bla ħsara għal dawk id-dispożizzjonijiet fuq ir-reġistrazzjoni u daqs ta' dgħajsa u f'każ li jkun hemm post disponibbli fl-area msemmija, wara li jkun ġie allokat l-ispazju lis-sidien tad-dgħajjes u/jew bastimenti tas-sajd skont il-*Bye-law*, il-Kunsill jista' jikkonsidra applikazzjonijiet għat-tqegħid ta' inġenji tal-baħar f'area msemmija li

Draft

jkunu ġew ippreżentati minn sidien ta' dgħajjes li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fid-daħla tal-Imsida. il-Kunsill jista' jikkonsidra applikazzjonijiet għat-tqegħid ta' inġenji tal-baħar fl-area msemmija li jsiru minn sidien ta' dgħajjes li mhux deskritti ġewwa Regolament 5.2 u magħmula mill-materjal tal-fibreglass jew materjal ieħor li jkollhom l-irmiġġ tagħhom reġistrat fid-daħla tal-Imsida.

6. Is-Sid li jkun inħariġlu l-permess sabiex itella' d-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd, irid bilfors juża' dawk il-posti tal-injam provduti mill-Kunsill u mhux permess l-użu ta' l-ebda tip ta' materjal ieħor.

Iżda f'każ illi s-Sid jirrifjuta milli jagħmel dan, il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrevoka l-permess.

7. Il-Kunsill  għandu d-diskrezzjoni li ma joħroġ l-ebda permess bejn il-ħmistax (15) ta' Ġunju u l-ħmistax (15) ta' Settembru.

8. Is-sid ta' dgħajsa, bastiment tas-sajd, karru, vettura bil-mutur u kull min juża l-iskall, għandu jkun responsabbli li jikkonforma ruħu ma' dawn il-Bye-Laws.

8.1 Il-permess maħruġ mill-Kunsill għandu jkun sa massimu ta' tmiena u għoxrin (28) ġurnata;

8.2 Is-sid tad-dgħajsa għandu qabel jottjeni l-permess, jagħmel garanzija bankarja a favur tal-Kunsill fl-ammont ta' €_________ għal kull ġurnata għal kull metru kwadru tal-area provduta, liema ammont jiġi multiplikat bil-perjodu tal-permess. Din il-garanzija għandha tiġi rilaxxata biss mill-Kunsill wara li s-Sid ineħħi d-dgħajsa fiż-żmien stipulat, innaddaf il-post warajħ u ma jikkawża l-ebda dannu għall-Kunsill;

8.3 Il-Kunsill jirriserva d-dritt li wara l-iskadenza tal-permess jdawwar id-dgħajsa permezz ta' bollards u dan sakemm is-Sid jirregola ruħu fuq il-permess;

Draft

8.4 Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jestendi dan il-permess wara l-iskadenza tat-tmienja u għoxrin (28) ġurnata, sakemm is-sid ikun ippreżenta raġuni valida. It-talba għandha tkun waħda bil-miktub u tasal għand il-Kunsill sa mhux anqas minn seba' (7) ġranet qabel l-iskadenza tal-permess;

8.5. Il-Kunsill jirriserva d-dritt li jagħmel kundizzjonijiet ġodda meta jestendi l-permess wara l-iskadenza tat-tmienja u għoxrin (28) ġurnata, inkluż li ssir garanzija bankarja addizzjonali;

9.1. Bl-ebda mod ma jista' l-Kunsill jinżamm responsabbli għall-ħsarat li s-Sid jagħmel lid-dgħajjes u/jew bastimenti oħra tas-sajd li jkunu sorġuti ġewwa l-Iskall u, jew kwalunkwe apparat użat fuq l-iskall;

9.2. Is-Sid tad-dgħajsa u/jew bastimenti oħra tas-Sajd li jkunu sorġunti ġewwa l-Iskall huwa responsabbli għall kull dannu li l-Kunsill jew terzi jistgħu jsofru li jkun ikkawżat mill-istess sidien;

10. Kull persuna li tikser xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* jew ta' xi patt jew kundizzjoni imposta mill-Kunsill skont dawn il-*Bye-Laws* tista' meta tinstab ħatja, teħel ammenda ta' €_________ għal kull ġurnata li tkun kisret waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws*. Mingħajr ebda preġudizzju għal kull ammenda, l-Kunsill jirriżerva ukoll id-dritt li jiżbanka l-garanzija bankarja a favur tiegħu;

10.1 Il-penali msemmija f'dawn il-*Bye-laws* huma bla preġudizzju għal kull azzjoni li jista' jieħu l-Kunsill, jew xi awtorità oħra sabiex tneħħi, taħżen jew tiddisponi minn dgħajsa, bastiment tas-sajd, karru, vettura bil-mutur jew xi oġġett ieħor li jkun aċċessorju għal dawn li jkunu qegħdin ta' ingombru skont id-dispożizzjonijiet tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż ir-Regolamenti dwar l-Ikkampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kull penali jew ammenda li tista' tkun tapplika taħt xi liġi jew regolament ieħor.

Draft

10.2. L-Iskall u d-Daħla tal-Imsida għandha tkun amministrata mill-Kunsill, bl-għajnuna tal-Għaqda tad-Dilettanti tad-Dgħajjes u Sajd tal-Imsida;

10.3. Il-Kunsill Lokali tal-Imsida għandu jaħtar sotto-Kumitat sabiex jikkonsulta mal-Kunsill u jindirizza materji marbuta mall-Iskall u d-Daħla tal-Imsida. Dan is-sotto-kumitat għandu jkun magħmul minn tlett (3) rappreżentanti tal-Kunsill u żewġ (2) rappreżentanti tal-Għaqda Dilettanti tad-Dgħajjes u Sajd tal-Imsida. B'dan illi kull deċiżjoni finali għandha dejjem tkun tal-Kunsill.

Draft

....

Skeda A

Area msemmija

Skeda B

L-Iskall u d-daħla tal-Imsida

Skeda Ċ

Applikazzjoni għall-permess

Applikazzjoni għall-użu tal-Iskall fid-Daħla tal-Imsida skont Bye-Laws tal-_____

Data: _____________

| **Dettalji tal-applikant** | |
|---|---|
| Isem u kunjom | |
| Karta tal-identita` | |
| Indirizz | |
| Numru tat-telefon/ mowbajl | |
| Imejl | |

| **Dettalji tad-Dgħajjsa u/jew bastiment tas-sajd** | |
|---|---|
| Numru tad-dgħajjsa u/jew bastiment tas-sajd | |
| Tul tad-dgħajsa/ bastiment tas-sajd | |

Draft

| | |
|---|---|
| Tip ta' dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd | |
| Tip ta' liċenzja | |

| **Dettalji tal-Permess** | |
|---|---|
| Numru tal-permess | |
| Data meta ser jibda jintuża l-permess | |
| Data meta ser jiskadi l-permess | |
| Post fejn ser tkun qiegħda titpoġġa d-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd | |

| Dokumenti | |
|---|---|
| Kopja tal-karta tal-identita` | |
| Kopja tal-Log book tad-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd | |
| Kopja tal-polza t'assikurazzjoni tad-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd | |
| Kopja tal-aħħar permess għall-irmiġġ fl-Imsida | |
| Kopja tal-garanzija bankarja | |

Draft

Firma tal-applikant: ____________________________

Firma tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Imsida:________________________

Termini u kundizzjonijiet li bihom qiegħed jinħareġ il-permess:

1. Dan il-permess qiegħed jinħareġ għall-żmien ta' 28 ġurnata;

2. L-ammont tal-garanzija għandu jinħadem skont is-segwenti formula: €______ (ammont kull metru kwadru) x ______ (l-ammont ta' metri kwadri tad-dgħajsa) x 28;
3. Is-Sid tad-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd għandu juża' biss il-posti provduti mill-Kunsill Lokali tal-Imsida. B'dan illi mhux permess li jintużaw posti tal-ġebel u/jew tal-bricks;
4. Il-persuna li tinħarġila l-premess għandha tieħsu ħsieb li ma toħloqx inkonvenjent kemm lejn sidien oħra li jkollhom id-dgħajjes u/jew bastimenti tas-Sajd sorġuta ġewwa l-iskall, kif ukoll lir-residenti tal-madwar;
5. Il-persuna li tinħarġila l-permess għandha dejjem tħalli l-iskall nadif;
6. Il-persuna li jinħarġila l-permess hija prekluża milli tagħmel xogħol mekkaniku;
7. Il-Kunsill għandhu dritt li jġiegħel lil min juża l-iskall sabiex ineħħi d-dgħajsa u/jew bastiment tas-sajd jekk ma jiġux osservati r-regoli tal-post, jew jekk jiġi mħammeġ jew diżorganizzat il-post;
8. L-area provduta tfisser il-qis tad-dgħajsa f'metri kwadri biż-żieda ta' metru fuq kull naħa (port u starboard), liema qis jittieħed mill-aktar parti wiesgħa tad-dgħajsa u jiżdied ukoll metru mill-pruwa u metru mill-poppa.
9. Applikant huwa suġġett għal kundizzjonijiet tal-Bye Laws.
10. Kundizzjonijiet addizzjonali stabiliti mill-Kunsill Lokali jekk dan ikun meħtieġ.

Draft